**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 241/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Carmel Farrugia**
**(ID 147261(M))**

**Illum: 12 ta' April 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Carmel Farrugia** ta' 49 sena, iben Rokku u Antonia nee` Tabone, imwieled l-Imqabba nhar it-8 ta' Frar 1961, residenti No. 4, Triq San Gorg, Ħal Safi, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 147261(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-22 ta' Awwissu 1999 u fit-tmien xhur ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-

Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

U b'digriet ta' din il-Qorti kif diversement preseduta tat-8 ta' Mejju 2012, ġiet awtorizzata s-segwenti żieda fl-akkuża billi wara l-kliem "Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta", jiżdiedu l-kliem: "liema reat seħħ fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru fejn jiltaqgħu iż-żgħażagħ[1];

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata mill-Prosekuzzjoni fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Ġunju 2011;

Rat in oltre illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti permezz tal-assenjazzjoni tad-doveri tat-30 ta' April 2014;

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2012, id-difiża ddikjarat illi ma kinitx qed tikkontesta li-fatt illi l-każin tal-futbol tal-Imqabba jidħol fil-parametri tal-aggravju tad-distanza[2];

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Lulju 2015 u dan fis-sens illi wara li l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma kinux jeżistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 534AF(4) tal-Kodiċi Kriminali, laqgħet it-talba tad-difiża ai termini tal-istess Artikolu 534AF sabiex tingħata aċċess għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-pulizija in konnessjoni ma' dan il-każ, kemm jekk hija kontra jew favur l-imputat[3];

Rat ukoll illi fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2017, l-Uffiċjal Prosekutur għadda d-dokumenti relevanti kollha għall-fini ta' aċċess lill-avukat difensur[4] u illi fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2018, l-avukat difensur iddikjarat illi l-Prosekuzzjoni tat l-aċċess rikjest mid-difiża[5];

---

[1] Ara a fol. 105 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 105 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 129 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 134 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 139 tal-proċess.

Rat illi fl-istess seduta tas-17 ta' Jannar 2018, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Mix-xhieda tal-**Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Dennis Theuma** jirriżulta illi fit-22 ta' Awwissu 1999, ċertu Adolph Farrugia, li dak iż-żmien kellu 21 sena u kien joqgħod Ħal Safi, instab mejjet ġewwa garaxx fl-istess lokalita`, b'kawża ta' *overdose* tad-droga eroina. Mill-investigazzjonijiet li għamlet il-pulizija matul is-snin ta' wara, l-identita` tal-persuna li forniet lil Farrugia bid-droga baqgħet mhux magħrufa. Madankollu fis-6 ta' Jannar 2005, ċertu Paul Busuttil mar fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u rrilaxxja stqarrija, li sussegwentement ikkonfermaha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat (illum l-Onor. Imħallef) Dr. Consuelo Scerri Herrera. F'din l-istqarrija, Busuttil stqarr illi d-droga li qatlet lil Adolph Farrugia kienet ġiet akkwistata minnu (minn Busuttil) u minn ċertu Mario Magri fil-21 ta' Awwissu 1999 mingħand ċertu Carmel Farrugia, magħruf bħala ċ-Ċikli ossia l-imputat odjern. Sussegwentement, fis-26 ta' Jannar 2005, tressaq il-Qorti Mario Magri (ID 211076(M)), akkużat bir-reat ta' traffikar tad-droga eroina u bil-qtil involontarju ta' Adolph Farrugia. Skont ix-xhud, Mario Magri nstab ħati ta' dawn l-akkużi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u nhar is-6 ta' Mejju 2009, din is-sentenza ġiet ikkonfermatha mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Ix-xhud iżid jgħid illi fid-dawl tax-xhieda ta' Paul Busuttil, inħareġ mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront ta' Carmel Farrugia ossia ċ-Ċikli, liema mandat ġie esegwit nhar il-11 ta' Lulju 2010.

La darba eżegwit il-mandat, minn tfittxija li saret kemm fuq il-persuna tal-imputat odjern – Carmel Farrugia – kif ukoll fir-residenza tiegħu ġewwa Ħal Safi, ma nstab xejn in konnessjoni ma' droga. Dakinhar stess, l-istess imputat irrilaxxja stqarrija wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, u wara li għażel li ma jeżerċitax id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema stqarrija huwa għażel li ma jiffirmahiex.[6]

**<u>In kontro-eżami</u>** l-Ispettur Theuma jixhed illi l-investigazzjoni fil-konfront tal-imputat bdiet fis-sena 2005 fid-dawl tax-xhieda ġuramentata ta' Paul Busuttil, li xehed dwar dak li seħħ fis-sena 1999. Mistoqsi jekk dak iż-żmien kienx hemm xi proċeduri fil-konfront ta' Busuttil, ix-xhud iwieġeb fin-negattiv u jgħid illi

[6] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 3 u 4 tal-proċess. Ix-xhud esebixxa d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd għall-parir legali tal-istess imputat, a fol. 67 tal-proċess.

Busuttil mar jirrilaxxja din l-istqarrija minn jeddu, u sa dakinhar ma kienx hemm proċeduri fil-konfront tiegħu. Jgħid madankollu, illi jidher illi dan kien qed jibża' għax kien hemm terzi persuni li kienu qegħdin jippruvaw "*jdawwruha kontra tieghu*", għalkemm jgħid ukoll illi ma kienx hu li tkellem ma' Busuttil, iżda s-Supretendent Norbert Ciappara. Jikkonferma illi l-biża' ta' Busuttil kienet fis-sens illi huwa ħaseb li kien hemm min kien qed jallega li huwa qed jitraffika d-droga, jew kif jgħid iżjed tard illi skont Busuttil, kien qed jingħad illi huwa kellu x'jaqsam mal-mewt ta' Farrugia. Skont ix-xhud, da parti tiegħu, Magri baqa' ma qalx minn fejn kien xtara d-droga. Jgħid in oltre illi l-ewwel darba li l-imputat ġie mitkellem dwar il-każ kien fis-sena 2010. Jgħid ukoll illi ttieħdu proċeduri fil-konfront ta' Busuttil dwar pussess tad-droga eroina u l-każ tiegħu ġie deċiż definittivament.[7]

**<u>Fil-kontro-eżami ulterjuri</u>** tiegħu u b'referenza għall-mewt ta' Adolph Farrugia, huwa jikkonferma li kienu ġew mitkellma diversi nies waqt l-investigazzjoni, għalkemm huwa kien għadu mhux membru fil-korp dak iż-żmien. Jikkonferma madankollu illi mir-rapport li kien għamel l-Ispettur Harrison dak iż-żmien, irriżulta illi "*From investigations carried out so far it has been established that the deceased Adolph Farrugia was a heroin and cocaine user, and was also a heavy drinker. As a matter of fact the post mortem examination has confirmed this. However in his garage or vicinities no drugs or related items have been found.*" Fir-rapport ikompli jingħad illi "*Dr Sammut MD when contacted today could not confirm whether the death was by alcohol on its own, drug abuse on its own or a combination of both. So far we have not been able to establish whether he has died in the same garage or somewhere else. The information given by his family members in my opinion cannot be considered as very reliable. When taking into consideration their involvement in such illegal activity.*" Ikompli jingħad hekk: "*What has been confirmed from these investigations is that Emanuel Farrugia is truly heavily involved in cocaine trafficking.*" L-Assistent Kummissarju Theuma jikkonferma illi l-imsemmi Emanuel Farrugia jiġi missier Adolph Farrugia u illi m'għandu x'jaqsam xejn mal-imputat odjern. Mistoqsi jekk irriżultax illi Adolph Farrugia u Mario Magri kienu jisirqu d-droga mingħand missier Adolph ossia Emanuel Farrugia, ix-xhud jgħid illi huwa ma setax jgħid x'irriżulta iżjed minn dak li hemm fir-rapport, li kien ġie redatt mis-Sur Harrison, għalkemm sussegwentement donnu jgħid illi dan hu dak li jirriżulta mir-rapport ossia illi d-droga li kienu jieħdu Adolph Farrugia u Mario Magri kienu jeħduha mingħand missier Adolph. Jirrepeti illi l-involviment tiegħu beda mis-sena 2005, meta Paul Busuttil irrilaxxja stqarrija dwar dak li kien seħħ. Jikkonferma wkoll illi fis-sena 1999, Busuttil ma kienx indika lill-imputat, kif ukoll illi l-imputat ma kienx relatat ma' Adolph u Emanuel Farrugia. Jikkonferma in oltre illi fl-investigazzjoni fil-mewt ta' Adolph Farrugia, ma kienx ġie kkonfermat minn

---
[7] Ara a fol. 58 sa 66 tal-proċess.

Magri u lanqas ma kien hemm indikazzjoni li d-droga kienet inxtrat mingħand l-imputat. Jikkonferma wkoll illi rriżulta illi l-każin qatt ma kien f'idejn l-imputat, kif ukoll illi dak li kien stqarr Busuttil fis-sena 2005 ma ġie korroborat minn ħadd iżjed.[8]

Mill-vera kopja tal-proċess verbal "*dwar stqarrija ġuramentata ta' Paul Busuttil nhar is-6 ta' Jannar 2005*" esebita f'dawn il-proċeduri[9], jirriżulta illi **Paul Busuttil** irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar is-6 ta' Jannar 2005, liema stqarrija ġiet ikkonfermata minnu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera fl-istess jum. Fl-istqarrija tiegħu, huwa jikkonferma li mar minn jeddu għand il-pulizija u jgħid illi ħass li kellu jmur u jgħid dak li kien jaf dwar il-mewt ta' Adolph iċ-Ċappuwa. Jgħid illi f'Awwissu tas-sena 1999 kien kellmu l-Ispettur Neil Harrison dwar il-mewt ta' Adolph Farrugia, iżda dakinhar ma kienx qal il-verita` għax kien ħenn għal Mario Magri u beża' illi jekk jgħid il-verita`, lil Magri "*kienu itajrulu rasu*". Kompla jgħid illi madankollu, beda jħoss illi bil-fatt li huwa baqa' sieket, kien qed ibati hu. Skont hu, dakinhar illi miet Adolph Farrugia, hu u Mario Magri kienu xtraw gramma eroina mingħand wieħed magħruf bħala 'iċ-Ċikli' li joqgħod Ħal Safi. Dakinhar għall-ħabta ta' nofsinhar, hu u Mario marru l-każin tal-futbol tal-Imqabba, fejn dak iż-żmien, iċ-Ċikli kellu l-bar tal-każin u ċ-Ċikli tahom gramma f'qartas tal-karti, iżda peress illi ma kellhomx flus, din baqgħet dejn. Minn hemm hu u Magri marru fl-għalqa li huwa (ossia Busuttil) kellu f'tal-Garra, limiti ta' Ħal Safi, u fil-għaxija hu u Mario reġgħu marru hemm sabiex jieħdu daqqa oħra mill-istess gramma. Minn hemm hu (ċioe` Busuttil) baqa' sejjer tieġ. Filgħodu, kif qam, ommu qaltlu li saret taf li omm Adolph kienet sabitu mejjet fil-garaxx. Ftit wara huwa sab lil wieħed jgħidulu 'l-Ferħ' – ċertu Anġlu Dalli - li qallu li kien jaf li Adolph kien mar il-pjazza għas-'Sulina' ossia għal Magri. Għalhekk huwa mar għas-Sulina ossia għal Magri għax beża' li seta' kien spiċċa ħażin huwa wkoll, u hekk kif staqsa lil Magri, fir-residenza tiegħu, jekk kienx jaf x'ġara, dan wieġbu illi "*zgur miet ic-Capua*" b'referenza għal Adolph Farrugia. Magri qallu li Adolph kien mar ifittxu l-pjazza ta' Ħal Safi u talbu sabiex imorru jieħdu daqqa eroina. Għalhekk marru l-għalqa bil-karozza ta' Farrugia u mbagħad il-garaxx fejn sussegwentement instab mejjet Farrugia. Skont Magri, fil-garaxx, Farrugia sajjar l-eroina u kien għamel ħafna. Dejjem skont Magri, meta Farrugia faqqa' l-eroina fuq is-siġġu, dan baqa' fuq is-siġġu, u wara hu qegħdu fuq is-sodda. Magri kompla jgħidlu li meta faqqa' l-eroina hu, anke hu kien ħassu ħażin u raqad fuq xi saqqu. Meta ġie f'sensih, ra li Farrugia kien spiċċa u prova jitla' mix-xaft sabiex iħalli l-bieb tal-garaxx magħluq, iżda peress illi fl-appartament ta' fuq il-garaxx, fejn kienet toqgħod ċerta Trudy, semagħha tifflaxxja, huwa beża' u ħareġ mill-garaxx. Magri kien qallu wkoll illi huwa kien ħeba l-bqija tad-droga li kien fadal, is-siringi, l-imgħarfa u s-*citric acid* ġewwa sqaq li kien hemm qrib id-dar

[8] Ara a fol. 142 sa 148 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 21 sa 38 tal-proċess.

tiegħu. Jgħid illi xi tliet ġimgħat wara kienu marru jarmu s-siringi u l-oġġetti l-oħra fi *skip* ġewwa l-Mosta biex żgur ma jinstabux. Jgħid ukoll illi huwa kien qal lill-Ispettur Harrison li ma kienx juża droga sabiex ma jintefax suspett fuqhom, u lanqas ma ried jitfa' suspett fuq Magri għaliex kien jaf jispiċċa ħażin. Skont hu, kien ilu ma juża droga mis-Sajf tas-sena 2001. B'kollox kien ilu jixtri d-droga eroina mingħand iċ-Ċikli xi tmien xhur ossia minn Jannar tas-sena 1999. Mistoqsi għal darb'oħra x'waslu biex imur għand il-pulizija, huwa jgħid illi kien qed jibża' li seta' jiġrilu xi ħaġa għax hu kien wieħed mill-ftit li kienu jafu l-istorja kollha. Skont hu, anke l-Maxku, ċertu Paul Cutajar kien jaf x'ġara għax Magri kien qallu li l-Maxku kien jaf b'kollox.[10]

Fix-xhieda tiegħu tal-istess jum, imbagħad, Paul Busuttil jikkonferma din l-istqarrija iżda jgħid illi ma kienx ċert f'liema mument Magri kien qiegħed lil Farrugia fuq is-sodda waqt li kienu fil-garaxx. Jgħid ukoll illi Magri dejjem kien jixtri d-droga mingħand iċ-Ċikli u illi Magri ma kienx jittraffika d-droga.[11]

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi **Paul Busuttil** xehed ukoll fil-proċeduri li ttieħdu fil-konfront ta' Mario Magri, wara li l-każ fil-konfront tiegħu kien ġie deċiż, u reġa' kkonferma l-kontenut tal-istqarrija tiegħu tas-6 ta' Jannar 2005. Fix-xhieda tiegħu reġa' tenna illi fl-ewwel interrogatorju tiegħu ma kienx qal il-verita' għax kien ħenn għal Mario Magri u għalhekk kien wieġeb li dak iż-żmien ma kienx jabbuża mid-droga u illi kien jagħmilha ma' kulħadd. Madankollu skont hu, "*imbghad ir-risultat hareg kontra tieghi maghhom mal-klikka u bdew iduru kontra tieghi. Dawwruha kontra tieghi*". Skont hu, Mario Magri kellu ħabib u flimkien dawwru l-istorja "*li kont mieghu jien nahseb*" ossia ma' Farrugia. Xehed illi għall-ħabta ta' nofsinhar tal-jum li fih miet Adolph Farrugia, hu u Magri xtraw gramma eroina mingħand ċertu wieħed magħruf bħala ċ-Ċikli u minn hemm baqgħu sejrin l-għalqa tiegħu fejn ikkonsmaw parti mid-droga u ħbew dak illi kien fadal fl-istess għalqa. Huwa kompla jixhed dwar kif żvolġew il-fatti dakinhar u dwar dak li kien qallu Magri l-għada, wara li huwa sar jaf li Farrugia kien instab mejjet fil-garaxx. Tajjeb jingħad illi din il-verżjoni ta' Busuttil hija identika għal dik mogħtija minnu fl-istqarrija tiegħu. Jgħid ukoll illi dak iż-żmien kienu jixtru d-droga mingħand iċ-Ċikli mill-każin tal-futbol tal-Imqabba.

<u>**In kontro-eżami**</u> huwa jgħid illi huwa kien mar għand il-pulizija volontarjament għaliex beża'.[12]

**Paul Busuttil** xehed ukoll fil-proċeduri odjerni. Huwa jgħid illi mar minn jeddu għand il-pulizija ossia għand l-Ispettur Norbert Ciappara biex jgħid x'jaf dwar il-

[10] Ara a fol. 34 sa 36 tal-proċess.
[11] Ara a fol. 33 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 39 sa 57 tal-proċess.

mewt ta' Adolph Farrugia. Jgħid illi meta nterrogah l-Ispettur Harrison huwa ma kienx qal il-verita`, għax kien ħenn għal Mario Magri stante li kien ħaseb li jekk jgħid is-sewwa "*jtajjrulu rasu*" u dan b'referenza għall-istess Magri. Madankollu, spiċċa jbati hu u għalhekk ma kellux triq oħra ħlief illi jmur għand il-pulizija. Iżid jgħid illi huwa ħass li kien ħa jispiċċa ħażin intortament, li jtajjrulu rasu, u xi ħaġa li kienet inkwetatu kienet li huwa kien ra lil Charlie ċ-Ċikli u sellimlu, iżda dan kien saq għal fuqu b'vann aħdar 'Pratar' – għalkemm fir-rigward ta' dan il-vann jgħid ukoll "*ma nafx sewwa*" u fi kliemu "*għidt "dan ghalija qieghed, qeghdin ghalija*" u għalhekk beda jibża'. Filwaqt illi identifika lill-imputat odjern bħala ċ-Ċikli, jgħid illi dan seħħ żmien qabel ma' mar għand il-pulizija, u m'għamilx rapport dwar dan l-inċident, għaliex dejjem beża' minn dawn in-nies u baqa' sieket, iżda mbagħad beda jara affarijiet oħra li bdew idejquh. Jgħid ukoll illi hu u Mario Magri kienu ħbieb sew u fis-sena 1999, huwa kellu l-vizzju tad-droga eroina. Kien jakkwista l-eroina mingħand Charlie, iċ-Ċikli ossia mingħand l-imputat odjern. Kienu jmorru hu u Mario għandu biex jixtru d-droga u dak iż-żmien, iċ-Ċikli kellu l-bar tal-każin tal-futbol tal-Imqabba u kienu jmorru hemm. Mistoqsi kemm il-darba xtara l-eroina mingħandu, huwa jgħid illi dan seħħ kemm il-darba "*ma niftakarx imma kont ilni, kont ilni xi tminn xhur, minn Jannar ta' dik is-sena stess*"[13] ossia minn Jannar sa Awwissu u illi kien jixtri madwar żewġ grammi fil-ġimgħa, li kienu jeħduhom hu u Mario Magri. F'ġimgħa kien jinqeda darbtejn. Ma jiftakarx eżatt kemm kienu jħallsu, iżda xi tletin Lira Maltin il-gramma. Żewġ grammi kienu jservuhom madwar tlett ijiem. Jgħid illi biex jinqdew, kienu jmorru l-każin u illi ċ-Ċikli kien ikun jaf għalfejn marru. Kienu jinqdew u jitilqu. Għal dan il-għan, iċ-Ċikli kien joħroġ mill-bar u kien jagħtihom id-droga, li kienet tkun f'pakkett tal-karti. Il-flus biex jixtru d-droga kienu joħorġuhom bejniethom hu u Mario, iżda din l-aħħar gramma li xtraw kienet baqgħet dejn għax ma kellmhomx flus dakinhar. L-aħħar darba li kien xtara d-droga mingħand iċ-Ċikli kien is-Sibt, imbagħad bejn is-Sibt u l-Ħadd miet Adolph Farrugia u dan b'referenza għal Awwissu tas-sena 1999, lejn l-aħħar tax-xahar. Dakinhar tas-Sibt, huma kienu xtraw l-eroina għall-ħabta ta' nofsinhar mill-każin tal-futbol tal-Imqabba. Jgħid in oltre illi huwa kien tressaq il-Qorti, fid-dawl ta' dak li kien stqarr, xi ftit tal-jiem wara li kien irrilaxxja l-istess stqarrija. Ix-xhud jagħraf l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja lill-pulizija, u l-firma tiegħu fuq l-istess u jikkonferma wkoll illi kien xehed fil-proċeduri fil-konfront ta' Mario Magri.

**<u>In kontro-eżami</u>**, ix-xhud jikkonferma illi huwa kien ġie interrogat fis-sena 1999 wara l-mewt ta' Adolph Farrugia u illi kien irrilaxxja stqarrija, iżda ma kienx qal il-verita`. Dan billi huwa kien qal li ma kienx jagħmel użu mid-droga, u mistoqsi ma' min kien ikun, qal li kien ikun ma' kulħadd stante li ma riedx isemmi lil Mario Magri. Jgħid illi meta mistoqsi mingħand min kien jakkwista d-droga,

[13] Ara a fol. 72 tal-proċess.

huwa baqa' jwieġeb illi huwa ma jieħux droga. Jgħid ukoll illi ma kienux sabu droga fil-pussess tiegħu. Jerġa' jgħid illi huwa kien gideb għaliex kien ħenn. Mistoqsi x'ried ifisser meta jgħid illi beża' li l-affarijiet iduru fuqu, huwa jgħid illi beża' li tiġi vvintata storja li dakinhar kien huwa fil-kumpanija ta' Farrugia, meta fil-fatt huwa kien mistieden tieġ; beża' li l-istorja jdawwruha fuqu billi jingħad illi kien hu li għadda d-droga lil Farrugia dakinhar. Mar għand il-pulizija għax beda jibża' li seta' jiġrilu xi ħaġa u kien għalhekk li mar wara dak iż-żmien kollu. Jgħid illi huwa kien jinqeda mingħand iċ-Ċikli minn Jannar sa Awwissu 1999. Jgħid illi ma kellux in-numru tat-telefon tiegħu u illi qatt ma kellu n-numru tiegħu, stante illi huwa kien imur il-każin u jinqeda minn hemm, mingħajr ma jċempillu. Fi kliemu, "*Biex issibu lic-Cikli hemm trid issibu dik il-habta.*"[14] Mistoqsi min kien jaħdem miegħu, isemmi lill-mara, omm it-tfal u illi kien ikun hemm it-tfal tiegħu wkoll, li dak iż-żmien kien għadhom żgħar. Huwa kien imur qisu bejn il-11.00 a.m. u l-5.00 p.m. jew is-6.00 p.m. u illi meta ried isibu huwa dejjem hemm mar. Meta ġie suġġerit lilu illi ċ-Ċikli qatt ma kellu karozza ħadra, huwa jinsisti li kellu vann aħdar għaliex kien saq għal fuqu, iżda ma kienx jaf in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Jgħid illi huwa ma marx għand il-pulizija, iżda twerwer. Jgħid in oltre illi b'kollox huwa dam jieħu l-eroina tliet snin, iżda ma riedx isemmi nies oħra li mingħandhom kien jixtri d-droga eroina. Jgħid illi kien imur f'post ġewwa Ħal Qormi, u kien jinqeda mingħand min jiġi, bil-pakkett u illi ma jiftakarx mingħand min kien jinqeda. Jinsisti li fiż-żmien li semma, huwa kien jixtri mingħand iċ-Ċikli. F'punt minnhom jgħid illi kien qed jagħżel li ma jweġibx dwar fornituri oħrajn, u f'punt ieħor jgħid illi kien jinqeda mingħand Għarbi minn Ħal Qormi. Huwa qatt ma kien jinqeda billi juża l-*mobile phone* għaliex ma kellux wieħed, iżda kien imur fuq il-post u jinqeda. Fir-rigward taċ-Ċikli, huwa jgħid illi l-każin kien l-Imqabba, fil-waqt illi huwa kien minn Ħal Safi. Ma jafx kemm kien ilu bil-każin l-imputat, imma li jaf hu li kien bil-każin minn Jannar sa Awwissu u illi kien beda jixtri d-droga mingħandu għaliex kien iltaqa' miegħu f'ħanut iż-Żurrieq, għand ix-Xu minn Ħal Safi, u dan qallu "*jekk trid xi haga ejja hemm*". Jgħid illi kien jaf fejn joqgħod iċ-Ċikli ġewwa Ħal Safi, iżda qatt ma mar għandu. Jgħid illi huwa qatt ma biegħ droga, għaliex dejjem ħadem u kellu anke impjieg *part time*. Jgħid ukoll illi kien waqaf jixtri mingħand iċ-Ċikli għaliex kien avviċinah wieħed, ċertu Pawlu l-Maxku, li qallu li ċ-Ċikli kien qed jibża' minnu – fis-sens illi jikxfu - u biex ma jersaqx lejh. Jgħid illi ma jiftakarx mingħand min kien jinqeda wara, iżda mbagħad jgħid ukoll illi wara ġieli ta l-flus lil ċertu Raymond mill-Imqabba, li kunjomu ma kienx jafu, sabiex jixtrilu d-droga mingħand iċ-Ċikli. Dan kien ikun għand iċ-Ċikli wkoll. Jgħid illi huwa ġieli kien ikun il-pjazza ta' Ħal Safi, jagħti l-flus lil Raymond u mbagħad dan kien jaqsam l-eroina magħhom. Nesa x'karozza kellu dan Raymond dak iż-żmien, iżda kien joqgħod l-Imqabba u dak iż-żmien kien nurse l-isptar. Kien jinqeda b'dan il-mod għad-droga u milli jsib minn Ħal Qormi fuq

[14] A fol. 83 tal-proċess.

l-idejn, fil-pjazza ta' San Bastjan. Jgħid illi kien ikun hemm wieħed li huwa kien isibu bħala Gili Jones, u li kien ilu ma jarah. Meta ġie ssuġġerit lilu mill-avukat difensur illi dan mejjet, jgħid illi ma kienx jaf. Lil Raymond kien jgħidlu jġiblu d-droga darba fil-ġimgħa u kienu jaqsmuha, għaliex wara kien naqqas. Mistoqsi kif kien jiltaqa' ma' Raymond, jgħid illi kien ifittxu u jsibu.[15]

Mistoqsi min kien jieħu ħsieb il-bar tal-każin, **Giulio Farrugia**, segretarju tal-każin, jixhed illi l-imputat qatt ma ngħata *tender* għall-bar. Skont hu f'dawk l-aħħar għoxrin sena, l-imputat qatt ma kellu l-bar tal-każin f'idejh. Jgħid illi jaħsbu illi f'dak il-perjodu kien hemm ċertu Żużu tal-laħam, illum mejjet, li kien ħa l-bar għall-perjodu ta' ħames snin. Dak il-żmien huwa, ossia x-xhud, ukoll kien segretarju tal-klabb. Jgħid in oltre illi l-imputat jiġi ħuh.[16]

**In kontro-eżami**[17], **l-Ispettur Norbert Ciappara** jixhed illi huwa kien daħal f'din l-investigazzjoni snin wara, jidhirlu għall-ħabta tas-sena 2004 u illi fl-investigazzjoni oriġinali dwar il-mewt ta' Adolph Farrugia, kien involut l-Ispettur Neil Harrison. Jgħid illi meta Paul Busuttil mar ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, ried ikellem Spettur li kellu x'jaqsam mal-invesigazzjoni ta' Adolph Farrugia. L-ewwel kien ġie riferut lis-Supretendent Harrison, li da parti tiegħu rreferih lilu. Skont ix-xhud, minn dak li tah x'jifhem Busuttil, dan kien qed jibża' li tista' ssirlu xi ħsara personalment stante li huwa kien jaf b'dak li kien qallu Mario Magri. Meta ġie ssuġġerit lilu illi huwa kien qal illi beda jibża' li kienet ser iddur fuqu, ix-xhud wieġeb fin-negattiv u jgħid illi Busuttil kien qallu illi kien qed jibża' mill-familjari ta' Farrugia fis-sens illi dawn isiru jafu li huwa kien jaf b'xi ħaġa u li ma tkellimx u kien qed jibża' li ddur fuqu fis-sens illi tiġri l-ħsara lilu billi jiġi mweġġa'. Ikkonferma li kien qallu wkoll illi qabel kien ħenn għal Magri.

Mistoqsi kienx ivverika l-verżjoni ta' Busuttil ma' Mario Magri, ix-xhud jgħid illi Magri ċaħad illi kien xtara d-droga li wasslet għall-mewt ta' Adolph Farrugia, ma' Busuttil, u dejjem allega illi għalkemm huwa kien ħa d-droga ma' Farrugia, meta Farrugia spiċċa ħażin, din id-droga kien ġabha Farrugia stess u ma kinitx droga li huwa xtara ma' Busuttil. Jikkonferma illi huwa kien ċaħad dak li allega Busuttil fis-sens illi d-droga kienet inxtrat minnu u minn Busuttil mingħand l-imputat odjern. Mistoqsi jekk kinux ittieħdu passi kontra Busuttil, huwa jikkonferma li ttieħdu passi kontrih dwar pussess ta' droga, iżda mhux talli ħeba t-traċċi ta' reat stante illi għalkemm Busuttil jgħid illi kien ma' Magri meta dan rema s-siringi, kien Magri li remihom u mhux hu. Kienu ttieħdu passi wkoll kontra Magri dwar traffikar u omiċidju involontarju, u jekk jidhirlu sew, kien

[15] Ara din ix-xhieda a fol. 68 sa 104 tal-proċess.
[16] Ara a fol. 106 sa 108 tal-proċess.
[17] Il-Qorti tinnota illi fil-fatt is-Supretendent Norbert Ciappara qatt ma xehed in eżami bħala xhud tal-Prosekuzzjoni, stante illi l-Prosekuzzjoni rrinunzjat għax-xhieda tiegħu (ara a fol. 111 tal-proċess).

weħel erba' snin ħabs. Jgħid ukoll illi lill-imputat odjern huwa qatt ma kellmu. Jgħid in oltre illi l-każ ta' Mario Magri dam fl-appell, u riedu jistennew l-eżitu ta' dawk il-proċeduri qabel jipproċedu kontra l-imputat odjern. Sussegwentement huwa kien għadda l-każ lill-Ispettur Theuma. Jikkonferma wkoll illi Farrugia ġie mitkellem l-ewwel darba fis-sena 2010, meta ntemm il-każ ta' Magri. Jgħid ukoll illi għalkemm Magri ċaħad dak li kien qal Busuttil fil-konfront tal-imputat odjern, huwa nstab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Ikkonferma wkoll illi l-unika persuna li mplikat lill-imputat kienet Paul Busuttil.[18]

Da parti tiegħu, **l-imputat** għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda. Huwa jgħid illi huwa mpjegat mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u ilu f'dan l-impjieg għal madwar 25 jew 27 sena. Jgħid illi lil Paul Busuttil ma jafux u sar jaf min hu fil-kuntest tal-proċeduri odjerni. In kwantu għal Adolph Farrugia huwa jgħid illi huwa jaf lil missieru, Leli, għaliex dan mill-Imqabba, iżda qatt ma kien kellem lil Adolph Farrugia jew kellu kuntatt miegħu. Lil missier Adolph jafu għaliex kien jaħdem miegħu meta kien żgħir, u kienu jgħixu viċin xulxin fl-Imqabba. Jgħid in oltre illi huwa qatt ma kellu każini f'idejh. Jgħid illi ġieli mar il-każin, għalkemm ma kienx imur ta' spiss u mbagħad jgħid illi ġieli dam ġimgħa ma jmur, imma ġieli mar darba jew darbtejn f'ġimgħa.

**<u>In kontro-eżami</u>** mistoqsi jekk xi ħadd mill-familjari tiegħu kellux xi rwol fil-każin, huwa jgħid illi kellu ħabiba tiegħu li kellha l-ġestjoni tal-bar, iżda ħadd mill-familjari tiegħu. Mistoqsi jekk qatt rax lil Busuttil jew lil Farrugia il-każin, huwa jwieġeb illi jaħseb li ġieli ra lil Adolph Farrugia. Dwar Busuttil jgħid illi dak għalih giddieb kbir, li ma jafux u wara jgħid illi qatt ma rah il-każin meta kien ikun hemm hu.[19]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar il-11 ta' Lulju 2010, liema stqarrija ġiet rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva wara li huwa ngħata is-solita twissija skont il-liġi u wara li ngħata l-jedd illi jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel l-interrogatorju tiegħu, liema jedd l-imputat għażel li ma jeżerċitahx.[20] Madankollu huwa ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fil-fatt, fiż-żmien in kwistjoni, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata b'dan id-dritt, illi daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

---

[18] Ara a fol. 116 sa 124 tal-proċess.
[19] Ara a fol. 150 sa 156 tal-proċess.
[20] Ara d-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd għal parir legali, Dok. DT, a fol. 67 tal-proċess.

Fir-rigward, fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża tissottometti illi l-istqarrija tal-imputat għandha tiġi dikjarata inammissibbli bħala prova u dan għal diversi raġunijiet skont id-difiża, fosthom illi l-imputat ma kellux id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*."

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-Pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

> "36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.

37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri** tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija kemm mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm,

ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

"(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment

150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;

(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **<u>Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et</u>** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija, kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-

rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**Beuze v. Belgium** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> "20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.
>
> 21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.
>
> ...
>
> 23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.
>
> 24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.
>
> 25. Barra minn hekk, l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur: l-attur instab ħati mill-qorti ta'

ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.

26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...

27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.

28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101]." [sottolinear ta' din il-Qorti]

F'każ ieħor deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet **<u>Graziella Attard vs Avukat Ġenerali</u>**, f'liema każ il-posizzjoni legali fit-teħid ta' stqarrija kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, wara li rreferiet ukoll għall-każ **<u>ta' Beuze v. Belgium</u>**, l-istess Qorti kkonkludiet illi:

"10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet <u>Malcolm Said v. Avukat Ġenerali</u>, **<u>illi ma jkunx għaqli</u>** – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – **<u>illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija</u>** għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda

> konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]

Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:

> "18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.
>
> 19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".

Huwa evidenti illi fil-każ odjern, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istess stqarrija, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-każ ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkużat għal smiegħ xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni tagħha tal-*overall fairness of the proceedings* straħet ħafna fuq il-fatt illi l-akkużat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u/jew waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tiegħu għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward ta' akkuża partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ ta' Paul Anthony Caruana, imbagħad, fil-waqt illi ma sabitx ksur tad-dritt tal-attur għal smiegħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija, iżda a bażi tal-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-imputat.

Il-Qorti qed tqis ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Polidano, Michael Mercieca, *Omissis*</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet rassenja tal-ġurisprudenza, kemm tal-Qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar din il-kwistjoni u rrikonoxxiet illi kien hemm tibdil sostanzjali fid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea dwar dan il-punt. Il-Qorti għamlet referenza għal **<u>Beuze v. Belgium</u>**, kif ukoll għas-sentenzi tal-Qrati Maltin li rreferew għal din id-deċiżjoni, fosthom **<u>Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar</u>** tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Frar

2019, fejn il-Qorti straħet fuq l-istqarrija tal-imputat, abbinata ma' provi oħrajn, minkejja li l-imputat ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, fil-waqt illi kien ingħata l-jedd għall-parir legali qabel tali interrogatorju, **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** fuq ċitata, kif ukoll **Stephen Pirotta vs Avukat Ġenerali et** tas-27 ta' Settembru, 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrenti ma ġarrab ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq bil-fatt illi ma kienx ingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tiegħu u dan wara li kkunsidrat illi:

> "Fil-każ tallum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l-ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal-provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il-qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel kontro-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Farrugia vs. Malta**, reża finali fis-7 ta' Ottubru 2019, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li wkoll ikkonfermat il-posizzjoni li ttieħdet fil-każ ta' Beuze u kompliet hekk:

> "Illi l-izvillup fl-interpretazzjonijiet dwar il-jedd ta' smiegh xieraq kif moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom fis-sentenzi sucitati fl-ismijiet 'Beuze vs Belgium' moghtija mill-Grand Chamber u s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'Farrugia vs. Malta' gia gie rifless fil-pozizzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) qeghdin jiehdu meta jikkunsidraw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq. Jirrizulta li hemm zvillup fis-sens li l-fatt li stqarrija tkun ittiehdet minghajr il-prezenza tal-Avukat skont dawn l-ahhar sentenzi mhumiex awtomatikament jigu kkunsidrati bhala li jiksru d-dritt ghal smiegh xieraq izda li qieghed jittiehed kont tal-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezzjoni o meno tad-dritt ghal smiegh xieraq."

Hawnhekk il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) tas-17 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello** u dan wara referenza kostituzzjonali li saret lilha mill-

Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April 2018, liema referenza ġiet deċiża billi l-Qorti ddikjarat illi:

> "fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fondamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smigh xieraq kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu fil-guri kontra tieghu mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ...".

Dan wara li l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) ikkunsidrat illi dan il-każ kien kemmxejn differenti minn dak ta' Aldo Pistella, fuq ċitat, in kwantu kuntrarjament għal Pistella, Aiello kien irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tiegħu u ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni. In oltre fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrenti naqas milli juri li huwa kellu jitqies bħala persuna vulnerabbli u lanqas irriżultat xi prova fis-sens illi ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. Ir-rikorrenti lanqas ma attakka l-volontarjeta` tal-istqarrija tiegħu u ma qajjem l-ebda lment dwar l-istess stqarrija, iżda talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg. Finalment, qieset ukoll illi kien fl-interess pubbliku li jiġi investigat u mressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali stante li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tagħha tas-27 ta' Marzu 2020, fejn l-istess Qorti qieset ukoll illi:

> "21. L-istqarrija in kwistjoni <u>m'hijiex l-unika prova</u> għal dak li jirrigwarda x'ġara fit-18 ta' Ottubru, 2014. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura li fiha nstabet id-droga. Kif il-vettura niżlet minn fuq il-catamaran twaqqfet mill-pulizija li għamlu tfittxija u sabu d-droga fil-vettura. L-appellant stess meta xehed fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2019 quddiem l-ewwel Qorti, qal li l-pulizija arrestawh meta kellu d-droga." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Is-sentenzi fuq ċitati huma lkoll konkordi f'aspett speċifiku u ċioe` li f'kull każ l-istqarrija ma kinitx l-unika prova mressqa in sostenn tal-akkużi dedotti.

Fis-sentenza tagħha **<u>Il-Pulizija vs Carmel Polidano et</u>** imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet illi:

> "Din il-Qorti temfasizza li d-dritt li suspettat ikollu Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni mhijiex limitata ghal persuni kkunsidrati

vulnerabbli. Anke persuni li kellhom diversi kundanni precedenti kontra taghhom u li ghalhekk huma intizi fil-mod ta' kif jittiehdu l-interogazzjonijiet kif ukoll persuni li l-Avukat Generali jirreferi ghalihom bhala b'esperjenza f'varji oqsma tan-negozju ukoll ghandhom dritt li jkollhom Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni. Il-ligi ma tiddistingwix bejn persuna u ohra. Huwa d-dritt ta' kull persuna li jkun assistit minn Avukat anke matul l-interrogazzjoni. Mhuwiex kontestat li fiz-zmien li ttiehdu l-istqarrijiet kif ukoll ix-xhieda ta' uhud mill-akkuzati quddiem l-espert Vincent E. Ciliberti fl-istadju tal-inkjesta, l-ligi ma kinitx taghti jedd lil suspettati biex ikollhom Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Biss pero' issa li l-ligi tipprovdi ghal dan id-dritt, huwa rikonoxxut u accettat li d-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jigi rispettat minn stadju bikri tal-investigazzjoni.

Din il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li kien hemm zvilupp sinifikattiv f'dawn l-ahhar xhur, fejn il-Qrati qeghdin iharsu lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi deciz jekk kienx hemm lezzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, din il-Qorti tissotolinea li bl-ebda mod ma hemm uniformita' fil-kunsiderazzjonijiet u decizjonijiet tal-Qrati dwar jekk stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mehuda matul l-investigazzjoni minghajr id-dritt tal-prezenza tal-Avukat jilledux id-dritt ghal smiegh xieraq. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza biex tiddeciedi dwar lezjoni o meno ta' dritt fundamentali izda trid tiddeciedi biss jekk ghandhiex tiehu in konjizzjoni stqarrijiet u dikjarazzjonijiet ohra fl-istadju tal-investigazzjoni minghajr id-dritt li suspettati jkunu assistiti minn Avukat. Din il-Qorti ghalhekk tqis li gialadarba qieghdin fi stadju ta' revizjoni, filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq, tiddeciedi li sabiex ma jkunx hemm ir-riskju ta' xi ksur, kwalunkwe dikjarazzjoni, stqarrija jew xhieda moghtija mill-imputati Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem fl-istadju tal-investigazzjoni u l-inkjesta minghajr il-prezenza tal-Avukat bhala inammissibli."

Irid jingħad ukoll madankollu illi fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet **<u>Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat</u>**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2010, meta allura persuna suspettata kellha l-jedd li titkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni tagħha:

"26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.

27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:

> *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'*overall fairness*' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019).

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.

> Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali *The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah* (att ta' akkuża numru 11/2015) ma tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija."

Iżjed riċenti, fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) tat-18 ta' Novembru 2021, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello**, wara li l-Qorti Kriminali għamlet referenza lil dik il-Qorti sabiex jiġi deċiż jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello' mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021, in kwantu ddeċidiet li l-istqarrija tal-akkużat magħmula mingħajr il-presenza tal-avukat, kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula minnu fl-istadju tal-investigazzjoni mingħajr il-presenza tal-avukat u kwalunkwe referenza għall-kontenut tal-istqarrija u għal dak li seta' qal mingħajr il-presenza tal-avukat huma ammissibbli, tiksirx id-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq, intqal hekk wara li dik il-Qorti rreferiet estensivament għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali dwar din il-materja:

> "Hekk elenkati s-sentenzi riċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, imiss li jiġi mistħarreġ jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs. Rosario Militello mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021 tilledix il-jedd tiegħu għas-smigħ xieraq fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs. Avukat tal-Istat** mogħtija fl-istess ġurnata.
>
> Mill-istħarriġ li għamlet il-Qorti aktar qabel jirriżulta li fl-istess ġurnata il-Qorti Kostituzzjonali tat għadd ta' sentenzi fejn sabet li l-istqarrija kellha tiġi sfilzata in vista li kien hemm il-biża li l-użu tagħha twassal għal-leżjoni ta' smigħ xieraq. Jidher ukoll mill-elenku t'hawn fuq li fl-istess ġurnata il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tat għadd ta' sentenzi fejn ikkonkludiet li hija m'għandhiex is-setgħa li tordna l-isfilz tal-istqarrija stante li ġie meqjus fiċ-ċirkostanzi li l-istqarrija għandha valur probatorju.
>
> Jidher minn dan l-elenku wkoll li kemm il-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll il-Qorti tal-Appell (Kriminali) taw deċiżjonijiet diverġenti minn dawk mogħtija minnhom stess fil-passat. Għandu jiġi meqjus li d-diverġenzi fis-sentenzi jinħoloq minħabba żvilupp fl-interpretazzjoni tal-liġi kif ukoll in vista li s-sistema ġudizzjarju tagħna ma ssegwix il-prinċipju tal-preċident (*law of precedent*) u għalhekk tippermetti li jsir ċaqliq fl-interpretazzjonijiet li jingħataw.

Mill-istħarriġ li sar minn din il-Qorti hawn fuq jidher li hemm qbil li kull każ għandu jiġi analizzat fil-fattispeċi tiegħu u deċiżjoni mogħtija f'ċerti ċirkostanzi mhux neċessarjament hija deċiżjoni ġusta f'ċirkostanzi diversi.

Dan magħdud hemm fatturi komuni li f'kull każ jittieħdu in konsiderazzjoni meta jiġi mistħarreġ minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali jekk stqarrija għandhiex tiġi sfilzata jew le. L-ewwel prinċipju li jidher huwa komuni hija t-totalità tal-każ. Bit-totalità ma jfissirx li wieħed ma jistax iressaq l-ilment tiegħu qabel tiġi konkluża l-kawża meta jkun hemm il-possibilità li xi dritt ser jiġi leż u dan kif ġie spjegat aktar 'l fuq f'din is-sentenza taħt is-sezzjoni 'Ir-referenza u t-totalità tal-proċeduri ġudizzjarji'. Ifisser li għandu jiġi meqjus il-fatti kollha li l-Qorti għandha quddiemha u mhux ċirkostanza waħda weħidha.

Fattur ieħor komuni bejn is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali huwa il-konsiderazzjoni dwar jekk il-mertu tal-proċeduri kriminali hux ser jiġi deċiż minn ġuri jew minn ġudikant. L-importanza ta' dan il-fattur ħareġ ferm ċar fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs. Avukat tal-Istat** (Rik Kost 176/2019) kif ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt et** (Att t'Akkuża 5/2017).

It-tielet prinċipju li jidher li huwa pertinenti mis-sentenzi fuq ċitati huwa li wieħed m'għandux jinkrimina lilu nnifsu bl-istqarrija li tkun rilaxxata mhux fil-presenza t'avukat. Deher ferm ċar li meta ingħadu affarijiet fl-istqarrija li inkriminaw lill-persuna li rilaxxata, dik l-istqarrija tiġi sfilzata. Din il-Qorti tinnota wkoll li f'sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-bidu ta' din is-sena marret oltre minn hekk u ordnat l-isfilz tal-istqarrija anke meta l-istess ma kinitx ta' preġudizzju għall-akkużat in vista li huwa kien irrispondha kollox 'ma nweġibx'.[21] Fil-każ in eżami il-Qorti tal-Appelli Kriminali (Superjuri) għamlet ukoll l-indaġini tagħha dwar il-fattispeċi tal-każ u dwar jekk l-istqarrija kellix fiha xi dikjarazzjoni inkriminanti. L-imsemmi Qorti ma qagħdetx biss fuq il-fatt li l-akkużat irrilaxxa l-istqarrija tiegħu mingħajr il-preżenza t'avukat:

> "**19**. Illi minn eżami li għamlet din il-Qorti tal-atti kumpilatorji jemerġi illi l-appellat qiegħed jiġi mixli li ttraffika d-droga f'żewġ okkażjonijiet separati. Jiġi interrogat u jammetti l-involviment tiegħu. Ma kienx persuna vulnerabbli (jew għall-inqas prova f'dan is-sens sa issa ma hemmx) u seta' jifhem in-natura tal-akkużi li kienu qed jiġu lilu addebitati b'interpretu tassistieh tul-interrogazzjoni. Il-Prosekuzzjoni mbagħad tressaq diversi xhieda kemm diretti kif ukoll ċirkostanzjali sabiex tissostanzja dawn l-akkużi ta' traffikar u pussess aggravat ta' droga, b'mod ewlieni x-xiehda ġuramentata ta'

[21] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għall-każ fl-ismijiet **Clive Dimech vs Avukat Ġenerali** tas-27 ta' Jannar 2021.

ċertu Aaron Sciortino li allegatament xtara id-droga minn għand l-appellat, liema xhud imbagħad iddepona viva voce quddiem il-qorti istruttorja fil-15 ta' Marzu 2016. Mhux biss iżda l-appellat jiġi interċettat mill-pulizija wara li dawn jibdew jagħmlu l-għassa fuqu u josservaw il-movimenti tiegħu. Mill-pussess ta' l-appellat inoltre ġew elevati ammont ta' flus kontanti, diversi telefowns ċellulari u apparat elettroniku ieħor li kollha ġew eżaminati mill-esperti tal-Qorti Dr. Martin Bajada u Dr. Stephen Farrugia Sacco. Dan ifisser allura illi l-istqarrija ta'l-appellat mhijiex l-uniku prova li l-prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq biex tissostanzja l-akkużi miġjuba kontra l-appellat."

Din il-Qorti tinnota li nonostante li l-Qorti tal-Appelli Kriminali osservat li Militello ġie interrogat u ammetta l-involviment tiegħu fl-istess stqarrija, dik il-Qorti ikkonkludiet li l-istqarrija ma kellhiex tiġi estromessa mill-atti stante li t-talba għal sfilz kienet ibbażata fuq allegat ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq u mhux xi artikolu tad-dritt penali li jirregola l-evidenza.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma qagħdetx lura milli tordna l-isfilz ta' stqarrijiet meta sabet li fihom hemm dikjarazzjonijiet inkriminanti. L-aktar waħda riċenti li din il-Qorti ltaqgħat magħha kienet dik fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt et** (Att t'Akkuża 5/2017) mogħtija fis-27 t'Ottubru 2021 suċitata, iżda għal kull benefiċċju ser terġa tiġi riprodotta hawn ukoll:

"din il-prova li ittieħdet meta l-appellant ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu hija prova determinanti tant illi, bil-mod kif l-appellant wieġeb għal mistqosijiet li sarulu huwa seta' inkrimina ruħu irrevokabbilment u dan bi preġudizzju serju għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan ifisser illi għalkemm għad irid jiġi iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-istadju tal-proċeduri, meta il-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel, kemm permezz tad-dikjarazzjonijiet verbali magħmula mill-appellant, kif ukoll dawk magħmula fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija, tista' tkun vvizzjata minħabba il-fatt illi l-appellant ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu bl-ebda mod jiġu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrija u dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellant miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta din il-Qorti twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta komparat mal-pregudizzju

irrimedjabbli li ser ibati l-appellant f'kaz l-istess tiġi ammess, huwa indubitat illi il-preġudizzju rekat jiżboq il-valur probatorju tagħha. Il-Qorti għalhekk qed titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali f'dan ir-rigward."

Il-Qorti Kostituzzjonali riċentement wkoll adottat l-istess linja ta' ħsieb, fosthom insibu s-sentenza li l-applikant jagħmel referenza għaliha fir-rikors għar-referenza preliminari, dik fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs. Avukat tal-Istat** (Rik Kost 176/2019)."

Hawnhekk il-Qorti mbagħad għaddiet sabiex tiċċita minn din is-sentenza li għaliha diġa` saret referenza iżjed 'il fuq. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) kompliet hekk:

"Din hija l-linja ta' ħsieb li l-Qorti Kostituzzjonali kienet qiegħda tadotta fil-perjodu meta l-Qorti tal-Appell Kriminali għaddiet sabiex tat is-sentenza tagħha u dan huwa muri mhux biss minn din is-sentenza iżda minn għadd ta' sentenzi oħra. Il-fatt waħdu li l-interrogazzjoni ma saritx fil-presenza ta' avukat m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq jew sabiex jitqies li dik l-istqarrija m'għandhiex valur probatorju. Hija l-istqarrija li fiha ammissjoni għal uħud jew għar-reati kollha li m'għandhiex ikollha valur probatorju jew li l-użu tagħha jista' jwassal għal ksur tal-jedd fundamentali.

**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn akkuża li tkun qiegħda tinstema' minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata.

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi li fuqhom ir-rikorrent jibni l-każ tiegħu tal-lum, għandu joħroġ ċar li dawn jirreferu għal qagħda li kienet teżisti qabel ma r-rikorrent kien imqar tressaq quddiem qorti biex iwieġeb għal akkuża magħmula kontrih. F'każ bħal dak, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jkunux għadhom applikabbli. Madankollu, in linea ma' dak li ngħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Malcolm Said vs. Avukat Ġenerali et** (Rik Kost 74/2014) fl-24 ta' Ġunju 2016 ma jfissirx li dak li jkun sar qabel ma r-rikorrent ikun ġie akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat. Għalhekk jekk it-teħid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent, il-vjolazzjoni ma sseħħx daqstant bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija meta l-attur kien għadu qed jiġi investigat, iżda bil-fatt li fil-kors tal-proċediment fejn ikun ġie akkużat isir użu mill-istqarrija kontra l-akkużat.

Min-naħa l-oħra ai termini ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jista' jsir stħarriġ ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel mal-każ jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l-proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu. Illum il-ġurnata ma għad fadal l-ebda dubju li, għall-finijiet tal-Artikolu 6 (3) tal-Konvenzjoni, il-jedd li wieħed ikun mgħejjun minn avukat magħżul minnu nnifsu jew imqabbad għalih b'xejn meta ma jkollux minn fejn iħallas avukat, jibda jgħodd sa minn qabel is-smigħ proprju tal-każ kriminali, u ċioe japplika minn meta l-persuna tkun għadha miżmuma b'suspett ta' twettiq ta' reat jew waqt l-istħarriġ tal-istess reat u qabel ma jkunu nħarġu akkużi speċifiċi kontra tagħha, diment li ma jkunx hemm raġunijiet tajbin li żżomm lill-akkużat milli jikkonsulta ma' avukat. Taħt din il-kappa ġeneralment jaqgħu sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Hija l-awtorità pubblika li trid turi li kien hemm raġuni tajba biex iċċaħħad lil persuna milli tkun mgħejjuna minn avukat u kif ukoll li dik il-persuna tassew u mingħajr theddid irrinunzjat għal dak il-jedd.

Fil-każ odjern ma jirriżultax li kien hemm xi raġunijiet hekk serji u partikolari (li l-QEDB tiġborhom taħt il-kliem '*compelling reasons*') li jċaħħdu lir-rikorrent milli jkun assistiet minn avukat waqt li kien qed jagħti l-istqarrija. Ir-raġuni waħdanija li dan ma sarx jirriżulta li kienet li, dak iż-żmien, il-liġi ma kinitx tħalli li persuna fil-qagħda tar-rikorrent setgħet titlob dik l-għajnuna. Però kif spjegat taħt il-ġurisprudenza kwotata aktar 'l fuq, m'għadux il-każ li jista' jingħad li l-fatt waħda li l-liġi ma kinitx tippermetti l-assistenza t'avukat, iwassal sabiex awtomatikament jinstab li hemm ksur tal-jedd kif imħares taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Taħt dan l-artikolu, il-QEDB fil-każ Beuze v. Belgium għamlet lista ta' fatturi li għandhom jiġu meqjusa. Dawn il-fatturi, fil-każ in eżami diġà ġew meqjusa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2021.

Minn dak l-eżerċizzju li għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali intwera li għalkemm huwa minnu li l-istqarrija ngħatat b'mod volontarju mill-akkużat, f'dik l-istqarrija Militello ammetta għar-reati li huwa tressaq fuqhom quddiem il-Qorti, apparti l-fatt ukoll li l-mertu tal-proċeduri kriminali ser jiġi deċiż minn ġurati.

Il-Qorti ser tadotta il-linja meħuda mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs. Avukat tal-Istat** (Rik Kost 176/2019) fejn ordnat l-isfilz tal-istqarrija mill-proċess kriminali wara li ħadet kont tal-fatt li "huma l-ġurati li jagħmlu l-apprezzament tal-provi u l-verdett ma jkunx fih motivazzjoni. Għalhekk jeżisti l-periklu ċar li l-ġurati jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq dik il-prova" u li "l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-

> reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali."
>
> In vista ta' dan l-insenjament din il-Qorti tikkonkludi li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, taf twassal sabiex iseħħ il-ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrent sanċit taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta ordnat li l-istqarrija tibqa fil-proċess hekk meta ġie meqjus mill-Qorti Kostituzzjonali li m'għandux jitħalla jsir użu minn stqarrija li tista' tikkawża preġudizzju irrimedjabbli. Din il-Qorti tikkonkludi għalhekk li hemm periklu ċar li l-ġurati jagħmlu użu u jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq l-ammissjoni li hemm fl-istqarrija mogħtija mill-akkużat meta ma kienx assistit minn avukat."

Fil-każ odjern, il-Qorti tqis illi għalkemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat minnufih ċaħad illi huwa traffika d-droga, madankollu għamel dikjarazzjonijiet li ċertament kienu ta' preġudizzju għalih, fosthom dikjarazzjoni partikolari illi tikkostitwixxi l-unika prova dwar ċirkostanza tassew materjali fil-każ odjern. Il-Qorti jidhrilha għalhekk illi fiċ-ċirkostanzi, ikun iżjed għaqli li timxi fuq il-passi li mxiet fuqhom il-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fis-sentenzi fuq ċitati, u tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu, bħala nieqsa minn valur probatorju, u dan sabiex ma jkun hemm l-ebda riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-istess imputat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Permezz tal-proċeduri odjerni, l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' traffikar tad-droga eroina u bl-aggravju tad-distanza ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat ġie akkużat bir-reat odjern in segwitu għal stqarrija rilaxxjata minn Paul Busuttil fis-6 ta' Jannar 2005, liema stqarrija huwa kkonfermaha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera fl-istess jum. Jirriżulta illi primarjament Busuttil irrilaxxja din l-istqarrija in konnessjoni ma' dak li wassal għal mewt ta' Adolph Farrugia f'Awwissu 1999, u l-involviment ta' Mario Magri f'din il-viċenda kollha, iżda fl-istess stqarrija huwa qal ukoll kif dakinhar li miet Adolph Farrugia, huwa u Mario Magri kienu xtraw gramma eroina mingħand l-imputat odjern minn ġewwa l-każin tal-futbol tal-Imqabba, għall-ħabta ta' nofsinhar, u kif kienu kkonsmaw parti minnha ftit tal-ħin wara u iżjed tard, sakemm imbagħad l-għada, huwa sar jaf bil-mewt ta' Adolph Farrugia. Minn hemm jitkellem dwar dak li sar jaf mingħand Mario Magri fir-rigward ta' dak li wassal għall-mewt ta' Farrugia, iżda b'relevanza għall-każ odjern, jgħid ukoll illi huwa u Magri kienu ilhom jakkwistaw id-droga eroina mingħand l-imputat odjern minn Jannar tas-sena 1999 u li kienu ilhom

jagħmlu dan għall-perjodu ta' tmien xhur sa Awwissu 1999, dejjem minn ġewwa l-każin tal-futbol tal-Imqabba. L-istess Paul Busuttil jirrepeti din il-verżjoni fix-xhieda tiegħu fil-proċeduri li ttieħdu fil-konfront ta' Mario Magri – liema proċeduri, skont l-Uffiċjal Prosekutur, waslu sabiex l-istess Magri jinstab ħati ta' traffikar tad-droga eroina u tal-qtil involontarju ta' Adolph Farrugia – kif ukoll f'dawn il-proċeduri, b'dan illi naturalment, in kwantu dawn il-proċeduri huma fil-konfront tal-imputat Carmel Farrugia, fix-xhieda tiegħu fil-proċeduri odjerni, Busuttil jiġi mistoqsi iżjed dwar l-akkwist tad-droga da parti tiegħu u ta' Magri mingħand l-istess imputat.

Tajjeb jingħad illi mill-atti proċesswali jirriżulta wkoll illi kien biss fis-sena 2005, bis-saħħa tal-istqarrija rilaxxjata minn Paul Busuttil, illi l-pulizija saret taf b'dak li kien wassal għall-mewt ta' Adolph Farrugia u l-involviment ta' Mario Magri fl-istess. Skont Busuttil, fil-verżjoni oriġinali li huwa kien ta lill-pulizija matul l-investigazzjoni fil-mewt ta' Farrugia, huwa ma kienx qal is-sewwa, u dan stante illi beża' li sieħbu Mario Magri seta' jispiċċa ħażin. Jispeċifika li ma qalx is-sewwa kemm in kwantu wieġeb illi huwa ma kienx jieħu droga, kif ukoll meta mistoqsi dwar il-kumpanija li kien iżomm, u dan sabiex ma jitfa' l-ebda suspett fuqu u fuq Magri. Ingħataw diversi raġunijiet dwar dak li wassal sabiex imbagħad Busuttil iddeċieda li jikxef dak li kien jaf f'Jannar 2005, għalkemm dwar dan Busuttil f'punti minnhom kien kemmxejn vag fix-xhieda tiegħu. Filwaqt illi s-Supretendent Norbert Ciappara jgħid illi Busuttil beża' li jġarrab ħsara in kwantu huwa kien jaf b'dak li wassal għal mewt ta' Farrugia, u fil-fatt dan huwa dak li jgħid Busuttil fl-istqarrija tiegħu ta' Jannar 2005, madankollu fix-xhieda tiegħu kemm fil-proċeduri kontra Magri, kif ukoll f'dawn il-proċeduri, Busuttil jgħid illi beża' li l-istorja setgħet iddur fuqu fis-sens illi jiġi allegat illi kien hu fil-kumpanija ta' Farrugia dakinhar tal-mewt tal-istess Farrugia meta fil-fatt ma kienx. Jgħid ukoll illi nkwieta meta l-imputat odjern saq għal fuqu, għalkemm dwar dan ma kienx għamel rapport, minkejja li twerwer.

Jirriżulta għalhekk illi l-ewwel darba li ssemma' l-imputat odjern kien fis-6 ta' Jannar 2005, meta Busuttil rrilaxxja l-istqarrija tiegħu u identifika lill-istess imputat bħala l-fornitur tiegħu tad-droga eroina, inkluż dejjem skont Busuttil, tal-istess droga li finalment ġiet ikkonsmatha minn Adolph Farrugia ftit tal-ħin qabel mewtu f'Awwissu 1999. F'dan ir-rigward tajjeb jingħad illi dak kollu li jgħid Busuttil, in kwantu dak li, skont hu, qallu Magri, huwa biss *detto del detto* għar-raġuni li Magri baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri u Busuttil ma kienx preżenti meta Adolph Farrugia u Mario Magri kkonsmaw id-droga flimkien.

Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi Paul Busuttil kien konsistenti fil-verżjoni tiegħu – kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu oriġinarjament, kif ukoll fix-xhieda tiegħu fil-proċeduri fil-konfront ta' Magri u f'dawn il-proċeduri - u dan kemm in kwantu indika lill-imputat odjern bħala l-fornitur tiegħu u ta' Magri dakinhar tal-

mewt ta' Farrugia u fil-perjodu ta' qabel, minn Jannar 1999, kif ukoll dwar dak li huwa sar jaf mingħand Magri dwar il-mewt tal-istess Farrugia. Jidher ukoll mill-ftit li rriżulta f'dan il-każ dwar il-proċeduri fil-konfront ta' Magri, illi la darba kif jgħid is-Supretendent Norbert Ciappara, Mario Magri baqa' jinsisti illi dakinhar tal-mewt tiegħu, Adolph Farrugia kien ikkonsma mid-droga li kien ħa miegħu hu stess (ossia Farrugia), dan ifisser illi f'dawk il-proċeduri, ġiet emmnuta l-verżjoni ta' Busuttil in kwantu dak li xehed fil-konfront ta' Magri u ta' kif żvolġew il-fatti dakinhar tal-mewt ta' Farrugia. Naturalment, f'dan il-każ, ma ġewx ippreżentati l-atti ta' dawk il-proċeduri, u għalhekk din il-Qorti ma tistax tgħid x'kien eżattament li wassal sabiex instabet ħtija f'Mario Magri, u jekk u kif il-verżjoni ta' Busuttil kinitx korroborata minn provi oħrajn li wasslu lill-Qorti sabiex tistrieħ fuq verżjoni u mhux fuq oħra.

Huwa evidenti madankollu illi f'dan il-każ, l-unika prova li qed tistrieħ fuqha l-Prosekuzzjoni sabiex issostni l-każ tagħha fil-konfront tal-imputat odjern, hija l-istqarrija ġuramentata u x-xhieda ta' Paul Busuttil. Altrimenti l-atti proċesswali ma jipprovdu assolutament l-ebda prova oħra, imqar ċirkostanzjali jew indiretta, fis-sens illi l-imputat odjern forna d-droga eroina lil Busuttil (u lil Magri, skont dak li jgħid Busuttil) fiż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni odjerna.

**L-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali** jgħid illi x-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 637** tal-istess Kodiċi, imbagħad, fi kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, għandu jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, jekk dik ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Ġie imbagħad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal neċessarjament għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata, imma l-ġudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre għalkemm ir-regola ġenerali taħt l-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali hija illi "*Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra*", **l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi eċċezzjoni għal din ir-regola u dan għaliex jiddisponi illi minkejja d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 661 appena ċitat, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, tista tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-l-istess Ordinanzi, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew ingħatat

volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew biża', jew b'wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġi.

Huwa evidenti illi fil-każ odjern, dak li għandha quddiemha l-Qorti huwa proprju dan ossia x-xhieda ta' Paul Busuttil illi jidentifika lill-imputat odjern bħala l-persuna li mingħandha huwa kien jakkwista d-droga eroina fil-perjodu indikat fiċ-ċitazzjoni.

In oltre, ai termini tal-**Artikolu 30(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta**, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra, b'dan illi meta l-uniku xhud kontra l-imputat ikun kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direzzjoni lill-ġurija biex jiżnu x-xhieda tax-xhud b'kawtela qabel ma jserrħu fuqu u jaslu sabiex isibu ħtija fl-imputat, u dan ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-istess artikolu. F'dan il-każ ma jistax jingħad illi l-imputat huwa jew kien kompliċi fir-reat li bih jinsab akkużat l-imputat odjern.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali u ħasbet fit-tul dwar ix-xhieda ta' Paul Busuttil fil-kuntest taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u dwar jekk din tistax twassalha għall-ħtija tal-imputat, fil-grad rikjest mil-liġi.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota illi minn tfittxija li saret fuq il-persuna u fir-residenza tal-imputat f'Lulju tas-sena 2010 – u għalhekk kważi ħdax-il sena wara l-fatti li wasslu għall-każ odjern – ma nstab xejn relatat mad-droga.

Fit-tieni lok, il-Qorti tinnota wkoll illi minkejja li l-pulizija investigat lill-imputat odjern fis-sena 2010 in konnessjoni ma' traffikar tad-droga eroina, u dan skont l-Uffiċjal Prosekutur, għaliex stenniet illi jintemmu definittivament il-proċeduri fil-konfront ta' Mario Magri, l-istess Mario Magri baqa' ma ttellax bħala xhud f'dawn il-proċeduri. Minflok il-Prosekuzzjoni illimitat ruħha għax-xhieda ta' Paul Busuttil, li fil-konfront tiegħu, il-proċeduri ntemmu fis-sena 2005 stess, ftit tal-jiem wara li rrilaxxja l-istqarrija tiegħu.

Fit-tielet lok, tinnota wkoll illi dak li jirriżulta mir-rapport tal-Ispettur Neil Harrison baqa' ma ġiex esebit f'dawn il-proċeduri u minkejja li partijiet minnu ġew ikkonfermati mis-Supretendent Dennis Theuma fil-kontro-eżami tiegħu, l-istess rapport baqa' ma ġiex ikkonfermat mill-awtur tiegħu ossia mill-Ispettur Harrison.

Fir-raba' lok, il-Qorti tinnota wkoll illi għalkemm ix-xhieda ta' Busuttil jista' jkun illi għandha mis-sewwa in kwantu dak li xehed fil-konfront tal-imputat u dan primarjament fid-dawl tal-konsistenza tiegħu f'din il-verżjoni, ripetuta minnu kemm il-darba fi stadji diversi, kif ukoll fid-dawl tad-dettal li huwa ta dwar dak li jgħid illi qallu Mario Magri, biss il-Qorti ma temminx dak li xehed Busuttil meta mistoqsi dwar fornituri oħrajn li mingħandhom huwa kien jixtri d-droga eroina matul it-tliet snin li fihom kien jagħmel użu minn din id-droga. Huwa evidenti illi f'din il-parti tax-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, Busuttil kien retiċenti ferm u wara diversi mistoqsijiet kemm mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll mid-difiża f'dan ir-rigward, Busuttil ma riedx iwieġeb, tant li f'punt minnhom anke jgħid li kien qed jagħżel li ma jweġibx, f'punt ieħor jgħid illi kien jinqeda mingħand min jiġi ġewwa Ħal Qormi, f'punt ieħor mingħand wieħed Għarbi li naturalment ma identifikahx, f'punt ieħor li minn dak iż-żmien moħħu ngħalaq u ma jiftakarx, f'punt ieħor mingħand ċertu Gili Jones u fl-aħħar li kien jibgħat lil ċertu wieħed Raymond, ukoll mhux identifikat b'mod ċar, sabiex jixtrilu mingħand iċ-Ċikli ossia mingħand l-imputat odjern, u dan wara l-mewt ta' Adolph Farrugia u allura wara Awwissu 1999. Kienet x'kienet ir-raġuni ta' Busuttil sabiex huwa ma jidentifikax fornituri oħrajn tiegħu, apparti lill-imputat odjern, meta jgħid illi dam tliet snin jabbuża mid-droga eroina, fil-waqt illi dejjem sostna li kien jixtri mingħand l-imputat fuq perjodu ta' tmien xhur, u meta huwa ovvju li mhux minnu li ma ftakarx mingħand min kien jixtri f'dak il-perjodu, bħal ma ftakar skont hu, li kien jixtri mingħand l-imputat, huwa evidenti għal din il-Qorti illi Busuttil ma kienx veritier f'din il-parti tax-xhieda tiegħu u li prova jagħmel minn kollox sabiex jevita li jwieġeb għad-domandi li kienu qed isirulu fir-rigward.

Naturalment, il-Qorti tista' temmen xhud f'parti biss mill-verżjoni tiegħu, iżda ma temmnux f'parti oħra. Biss fil-każ odjern, il-Qorti qed tqis ukoll illi l-Prosekuzzjoni setgħet faċilment ressqet iżjed provi – kemm provi kontra kif ukoll favur l-imputat, kif għandha l-obbligu li tagħmel – milli fil-fatt ressqet. Veru illi l-liġi tippermetti illi l-Qorti toqgħod fuq ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, u illi mhijiex meħtieġa l-korroborazzjoni ta' din ix-xhieda b'ċirkostanzi oħrajn, iżda l-grad li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni sabiex tinstab ħtija jibqa' dejjem wieħed – lil hinn minn kull dubju raġjonevoli. Fil-każ odjern, minkejja li skont l-istess Prosekuzzjoni ħadd iżjed ma kkorrobora dak li stqarr Paul Busuttil fil-konfront tal-imputat u dan fis-sens illi huwa kien iforni lilu u lil Magri bid-droga eroina, biss il-Prosekuzzjoni setgħet tellgħet bħala xhieda lill-persuni oħrajn, li setgħu jikkorroboraw o meno l-verżjoni ta' Busuttil f'partijiet oħra tax-xhieda tiegħu, b'tali mod għalhekk illi, kemm il-darba din il-verżjoni ġiet korroborata, dawn ix-xhieda setgħu jsaħħu x-xhieda ta' Busuttil fl-intier tagħha. Fil-verżjoni tiegħu, Busuttil isemmi lil ċerta Trudy li ssemmiet lilu minn Magri u li kienet toqgħod fl-appartament ta' fuq il-garaxx fejn instab mejjet Farrugia, isemmi lil Anglu Dalli magħruf bħala l-Ferħ, u jsemmi wkoll lil Paul Cutajar magħruf bħala l-

Maxku li skont hu, kien addirittura qallu sabiex ma jersaqx iżjed lejn l-imputat odjern għaliex dan kien qed jibża' li Busuttil jikxfu. Ħadd minn dawn il-persuni ma ttella' bħala xhud f'dawn il-proċeduri. Busuttil jgħid ukoll illi l-imputat saq vann aħdar għal fuqu, iżda mhux magħruf lill-Qorti jekk il-Prosekuzzjoni qatt għamlitx verifiki sabiex tara jekk l-imputat verament kienx isuq vann bħal dan. Jgħid in oltre illi l-imputat kellu f'idejh il-bar tal-każin tal-futbol tal-Imqabba u illi jekk wieħed ried isibu dak iż-żmien, allura kellu jmur hemm. Madankollu, la darba hu l-imputat, Giulio Farrugia, segretarju tal-każin – presumibbilment il-każin tal-tal-futbol tal-Imqabba għaliex dan lanqas ma jirriżulta ċar mix-xhieda tiegħu – xehed illi l-imputat qatt ma ħa t-*tender* tal-istess bar u li qatt ma kellu dan il-bar f'idejh, il-Prosekuzzjoni waqfet hemm, biex imbagħad fit-trattazzjoni tagħha rreferiet għall-fatt illi l-Qorti għandha tqis b'ċirkospezzjoni x-xhieda tal-istess Giulio Farrugia, la darba dan iddikjara li jiġi ħu l-imputat. Huwa evidenti illi la darba l-Prosekuzzjoni kienet għadha fl-istadju tal-provi tagħha, setgħet faċilment ittella' xhieda oħrajn sabiex taċċerta ruħha jew minn dak li sostna Busuttil – fis-sens allura illi l-bar tal-każin kien verament f'idejn l-imputat – jew minn dak li sostna Giulio Farrugia – li tassew ma kienx - f'liema każ setgħet ukoll ittella' xhieda sabiex tikkonferma o meno dak li jgħid Busuttil, fis-sens illi l-imputat kien ikun dejjem il-każin. In oltre ma kien hemm xejn li josta lill-Prosekuzzjoni milli ttella' bħala xhud lil Mario Magri, la darba l-każ tiegħu kien ġie deċiż definittivament.

Fil-kunsiderazzjoniet tagħha, il-Qorti qed tqis ukoll dak li ngħad fil-każ fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Martin Debono</u>**, deċiż fis-7 ta' Lulju 2003 minn din il-Qorti kif diversament preseduta:

> "Issa fil-kaz in disamina m'hemmx dubbju li x-xhieda guramentata moghtija minn El-Kurbo kontra l-imputat konfermata quddiem magistrat hija sufficjenti sabiex din il-qorti ssib reita' kontra tieghu u la ghandha ghalfejn tfittex korroborazzjoni "b'cirkostanzi ohra".
>
> Inghad dan pero' din il-qorti hi tal-fehma li anka f'cirkostanzi 'normali' fejn l-uniku xhud kontra imputat huwa bhal f'dan il-kaz l-'akkusatur' u m'hemm lanqas tracca ta' cirkostanza, imqarr wahda, li toffri korroborazzjoni, l-akbar cirkospezzjoni hija mhux biss dovuta izda obligatorja."

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, tenut kont illi f'parti mix-xhieda tiegħu, il-Qorti jidhrilha illi Busuttil ma qalx is-sewwa, u tenut kont ukoll illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq il-provi kollha li setgħet tressaq, kemm dawk kontra kif ukoll dawk favur l-imputat, b'tali mod illi l-Qorti ma tistax tivvaluta fil-konkret il-kredibilita` ta' Busuttil in kwantu jidentifika lill-imputat bħala dak li kien ifornih bid-droga eroina bejn Jannar u Awwissu 1999, lanqas ma tista' tasal għalhekk sabiex, fid-dawl tax-xhieda tal-istess Busuttil, issib ħtija fl-imputat fil-grad rikjest

mil-liġi. Tenut kont tal-provi proċesswali, il-Qorti jidhrilha illi konklużjoni ta' sejbien ta' ħtija fl-imputat ma tkunx *safe and satisfactory*, iżda waħda perikoluża.

Għaldaqstant, tqis illi l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, inkluż per konsegwenza, l-aggravju tad-distanza addebitat lilu, ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Carmel Farrugia** mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnha.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat